MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 19/2004

**Dolores Tewma**

**vs**

**Robert Buttigieg**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Il-konvenut saq b'manjiera traskurata u b'velocita' eccessiva il-vettura BAT 923 fil-jum in kwistjoni fid-direzzjoni ta' Victoria fi Triq Dr. Anton Tabone u baqa' diehel fuq il-karozza tal-attrici bin-numru ICE 008 misjuqa minn binha, Antoine li kienet fil-karreggjata li taghti ghal ta' Sannat. Bhala rizultat ta' dan l-impatt, il-karozza tal-attrici soffriet danni sostanzjali li jammontaw ghal Lm 884.63 kif jirrizulta mid-dokumenti allegati.

Minkejja illi l-konvenut ammetta f'diversi okkazjonijiet ir-responsabilita' tieghu ghal dak li gara u minkejja li gie debitament interpellat, huwa naqas li jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-28 ta' Jannar 2004 u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz.

Bl-imghax mid-data tal-prezentata sad-data tal-hlas effettiv."

Ra r-risposta:

"It-talba hi kontestata billi l-incident in kwistjoni gara unikament b'tort tas-sewwieq tal-karozza ICE 008."

Sema' l-provi u ezamina d-dokumenti esibiti;

Mhux ikkontestat li qabel l-incident il-vetturi kienu qieghdin jinstaqu f'direzzjonijiet opposti fi Triq Dr Anton Tabone, Victoria, Ghawdex; bin l-attrici kien sejjer fid-direzzjoni tas-Sannat filwaqt li l-konvenut kien sejjer fid-direzzjoni ta' Pjazza San Frangisk, u li wara l-habta l-vetturi spiccaw fuq l-istess naha tat-triq cioe' fuq in-naha tax-xellug tat-triq int u thares lejn id-direzzjoni tas-Sannat, hlief ghall-parti ta' wara tal-karozza tal-konvenut li baqghet fuq in-naha tax-xellug.

L-incident sehh madwar nofs il-lejl; street-lights kien hemm; l-inhawi huma bil-bini.

Jirrizulta li l-vettura tal-konvenut qabel ma dan applika l-brejkijiet kienet fuq sajdha u kien biss wara l-applikazzjoni tal-brejks li din marret *wrong side*. Il-konvenut halla warajh zewg brake-marks dritti u paralleli ta' 21.4 metri u 23 metri rispettivament li juri li kien qieghed isuq b'velocita' ta' circa 50 kilometru fis-siegha u cioe' ezatt mal-limitu massimu ta' velocita' konsentit f'inhawi mibnija (ara l-Kodici Ghat-Traffiku fit-Triq, 2001, para 272 u 281).

Il-partijiet taw verzjonijiet differenti dwar fejn kienet il-vettura tal-attrici qabel l-incident. Skond il-konvenut, din kienet fuq in-naha tieghu, tant li huwa biex jevita l-incident applika l-brejkijiet u dawwar lejn il-lemin tieghu. Huwa nhasad ghax ra d-dawl tal-headlamps tal-vettura tal-attrici faccata tieghu. Skond bin l-attrici, li kien qieghed isuq il-karozza t'ommu, huwa kien vicin il-linja bajda maqtugha li hemm f'nofs it-triq izda ma kienx *wrong side*. Hekk kif lemah lill-konvenut faccata tieghu huwa kiser lejn ix-xellug tieghu. Din il-verzjoni ta' bin l-attrici mhix attendibbli, ghax mhux possibbli li vettura tkun vicin il-linja medjana tat-triq, iddur lejn ix-xellug b'mod li tispicca f'posizzjoni perpendikulari mal-istess linja, u tibqa' prattikament tmiss ma' din il-linja medjana. Ghalhekk isewgi li l-Peugeot ICE-008 kienet ghaddejja *wrong side* qabel l-incident. Min-naha l-ohra, il-verzjoni li ta' l-konvenut taqbel perfettament mad-dinamika tal-incident.

It-Tribunal josserva wkoll illi bin l-attrici u l-passiggier li kellu mieghu (li ma ngibitx biex tixhed) allegaw – haga michuda mill-konvenut - li l-konvenut wara l-incident hareg bi flixkun u ramieh fil-gemb tat-triq; izda s-surgent PS 1346 Anton Schembri ma sab l-ebda flixkun fuq il-post. Din l-asserzjoni ta' bin l-attrici, flimkien mal-asserzjoni tieghu l-ohra li ma kienx ghaddej *wrong side* meta r-*res gestae* juru li ma setax ma kienx, jingerixxu serjament fuq il-kredibilita' ta' dan ix-xhud.

Huwa evidenti li l-incident ma kienx isehh li kieku ma kienx ghall-manuvra inkonsulta li ghamel bin l-attrici, li ghalkemm kellu l-karreggjata tieghu libera, f'hin meta fit-triq ma kienx hemm traffiku iehor, ghazel li jsuq fuq in-naha l-hazina tat-triq. Ma tirrizultax velocita' eccessiva da parti tal-konvenut, li ma jirrizultax li kien miexi b'velocita' oghla mil-limitu massimu konsentit, jew li kien qieghed isuq b'mod perikoluz. Il-konvenut wara kollox kien ghaddej ghad-dritt fi triqtu. Anke kieku kien ghaddej bi speed qawwi, kif gie kostantement ritenut il-velocita' eccessiva mhix minnha nnifisha inkolpanti, imma jrid jigi ppruvat li dik il-velocita' kienet il-kawza prossima u immedjata tas-sinistru – **XLVI.855.**

Fl-ahharnett, bin l-attrici jsostni li l-konvenut ammetta r-responsabilita', izda din l-asserzjoni hija michuda mill-konvenut. Apparti li kif diga' nghad it-Tribunal ma tantx jaghti kredibilita' lil bin l-attrici, anke kieku kellu jaghtih l-istess kredibilita' li jaghti lill-konvenut, jibqa' l-fatt li huwa min jallega li jrid jipprova, u mhux vici-versa, u jekk ikun hemm zewg verzjonijiet konfliggenti, u ugwalment possibbli jew verosimili, ma tistax tintlaqa' t-talba tal-attur – *actori incumbit probatio.* Dan apparti li l-istqarrija li wiehed jahti ghal incident ma tispostjax ir-responsabilita' ghal dak l-incident. U ammissjoni ma tghoddx jekk dik tkun ibbazata fuq impressjoni zbaljata tal-fatti – **Nutar Oscar Azzopardi vs Gerard Cuschieri – PA – 19.12.1950 – Kollez. XXXIV.ii.725.**

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jsib lil bin l-attrici unikament responsabbli ghall-incident u konsegwentement jichad it-talba tal-attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------